# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 4 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Charlo Lautier**

**Kumpilazzjoni Nru: 575/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlo Lautier detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 31178(M).

Akkuzat talli f'Gunju 2012 u fis-sena ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-sitess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

2. U aktar talli minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti mexxa xi attivita' turistika jew ippermetta li xi attivita' turistika titmexxa minn jew fi proprjeta' li taghha hu kien is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha kienet tmexxiet dik l-attivita' li kieku kellu licenzja valida.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
- 43(1)(a)(2)(3)(4)(5)(6) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Iigjiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jikompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li waqt it-trattazzjoni l-imputat issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni biennali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni li l-imputat qed jahdem bhala tour operator minghajr licenzja u li anke iddefroda lill-Gvern ta' Malta.

Illi l-ufficjal prosekutur spjega kif il-pulizija rcieviet rapport li l-imputat kien qed jirreklama s-servizzi tieghu bhala tour operator taht l-isem DJ Charlo and Fun Travel; ir-reklamar kien qed isisr fuq gazzetti u anke fuq mezzi elettronici.

Illi mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizja jirrizulta li teszisti website b'l-isem *djcharlofuntravel.com* li huwa registrat f'isem DJ Charlo Fun Travel b'l-istess indirizz ta'l-imputat u li tieghu l-*admin contact* huwa Charlo

Lautier b'numru tat-telephone 000356 79405060[1]. Fuq dan il-website kien hemm diversi reklami ta' tours[2]. Mill-investigazzjoni jirrizulta ukoll li l-imputat kien organizza diversi tours li vvjaggaw mal-Virtu Ferries.

Illi fil-fatt il-Virtu Ferries formew lista ta' kemm il-darba l-imputat siefer maghhom flimkien ma' grupp[3]. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-imputat ha grupp ta' nies ghal tour ta' gurnata tmien darbiet bejn Jannar 2011 u Settembru 2012. Rapprezentant ta' Virtu Ferries, Jonathan Tabone, ikkonferma din l-informazzjoni[4] li telenka ukoll minn kienu l-persuni li vjaggaw flimkien ma'l-imputat f'kull istanza.

Illi mid-depozizzjoni ta' Dr Michael Camilleri in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority[5] jirrizulta li licenzja ghall-istabbiliment DJ Charlo Fun Travel harget b'effett mill-24 ta' Ottubru 2012 f'isem Alexander Lautier ghalkemm l-imputat huwa indikat bhala l-operatur[6].

Illi mid-dokumenti esebiti minn Joseph Saliba in rapprezentanza ta' l-Employment and Training Corporation[7] jirrizulta li bejn 16 ta' Marzu 2011 u l-1 ta' Mejju 2013 l-imputat ma kienx registrat bhala impjegat (sia bhala self employed jew mod iehor). Minn dan id-dokument jirrizulta ukoll li bejn Jannar u Marzu 2011 l-impjieg li ghalih kien registrat l-imputat ma kienx wiehed konness ma'l-ivjaggar imma kien xi xoghol part time ma' socjeta ohra: One Productions Limited.

Illi mid-depozizzjoni ta' Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Direttur Generali tad-dipartiment tas-Sigurta Socjali u mid-dokumenti minnu esebieti[8] jirrizulta ukoll l-imputat kien jirregistra ghax-xoghol u konsegwentement kien jircievi ghajnuna socjali minhabba qghad (unemployment benefit). Fil-fatt jirrizulta li (hlif ghal xi erbgha gimghat) bejn it-18 ta' Marzu 2011[9] sal-15 ta' Gunju 2012 l-imputat ircieva €4,869.51.

---

[1] Ref depozizzjoni ta' l-Ispettur Elton Buckingham a fol 78 u d-dokument minnu esebiet Dok DC1 a fol 81.
[2] Kopja ta' dawn ir-reklami huwa esebieti bhala Dok JF7 a fol 58.
[3] Ara korrispondenza Dok JF4 esebieta a fol 37 et seq.
[4] Ref depozizzjoni a fol 95 et seq.
[5] A fol 99 et seq.
[6] Kopja tal-licenzja hija esebeita bhala Dok MC1 a fol 102.
[7] Esebieti bhala Dok JS1 a fol 87 et seq (kopji esebieti ukoll mill-ufficjal prosekutur bhala Dok JF3 a fol 34).
[8] Ref depozizzjoni a fol 90 u Dok IC1 a fol 93.
[9] Meta spicca l-impjieg tieghu part-time mal-One Productions.

Illi fil-kors ta'l-investigazzjoni tieghu l-ufficjal prosekutur ha stqarrija minghand l-imputat[10]. F'din l-istqarrija l-imputat ammetta li huwa jorganizza day trips ghal Sqallija u li ghamel xoghol iehor ta' travel agent jew tour operator; jammetti li ta dan ix-xoghol jithallas[11], u li ma kellux licenzja biex jaghmel dan ix-xoghol. Mistoqsi ghalfejn kien jirregistra ghax-xoghol u jircievi unemployment benefits meta kellu dan ix-xoghol ta' tour operator l-imputat jghid li huwa ma kienx jikkunsidrah xoghol imma hobby.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba bil-proceduri odjerni fit-8 ta' Lulju 2014[12].

Ikkunisdrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 cioe truffa jew frodi innominata, u bir-reat prospettat f'l-artikolu 43(1)(a) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta cioe li mexxa attivita touristika minghajr licenzja valida. L-imputat ssolleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat

**Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni**

Illi l-piena ghar-reat prospettat fi tieni imputazzjoni huwa dak ta' multa. Ai termini ta' l-artikolu 688(e) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni taqa' bi preskrizzjoni *bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

Illi skond ic-citazzjoni l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghal atti maghmulin *f'Gunju 2012 u fis-sena ta' qabel*. Skond id-dispozizzjoni fuq kwotata l-azzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjoni in ezami taqa b'l-gheluq ta' sentejn minn Gunju 2012; ghalhekk f'Gunju 2014. L-imputat pero gie notifikat fit-8 ta' Lulju 2014 u cioe wara d-dekors tas-sentejn.

---

[10] Dok JF1 a fol 26.
[11] Ghalkemm jghid li l-qliegh huwa zghir.
[12] Ref riferta esebieta a fol 112.

Illi għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfaċjentement pruvata.

Ikkunsidrat

**Dwar il-mertu**

Illi kif diġà ntqal permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jiġi addebitat bir-reati ta' truffa (l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9) jew frodi innominata (l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9).

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jgħid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato ... Nella truffa ... l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*

a) *un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
b) *la causazione di errore, il quale ... deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[13]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati tagħna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Liġi tagħna element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li*

[13] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354

*jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.*[14]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.*

*Kwantu ghall-kwistjoni ... jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*[15]

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

[14] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.
[15] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[16]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[17]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Illi dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[18].

Illi mill-provi prodotti (riassunti aktar 'l fuq) jirrizulta ampjament li fil-perjodu bejn Jannar 2011 u Settembru 2012 l-imputat kien qed jahdem bhala tour operatour u/jew travel agent. Jirrizulta ukoll li minkejja din l-attivita huwa baqa' jmur jirregistra ghax-xoghol u kien qed jircievi ghajnuna socjali inkluz unemployment benefit.

Illi tenut kont ta' dan, u tenut kont tal-principji emergenti mill-gurisprudenza u dottrina fuq kwotati, huwa car li l-agir ta'l-imputat, cioe li ta' kull gimgha jmur jirregistra ghax-xoghol meta huwa fil-fatt kellu impjieg, huwa messa in xena. Huwa car ukoll li din il-messa in xena induciet lid-dipartiment tas-sigurta socjali fi zball li wasslu biex ihallas lill-imputat unemployment benefit meta dan ma kienx dovuta; dan l-izball ovvjament wassal ghal telf patrimonjali a detriment ta'l-istess dipartiment.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

---

[16] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[17] Op cit pagna 356
[18] Op cit pagna 357

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tilqa l-eccezzjoni sollevata mill-imputat u tiddikjara t-tieni imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta[19] issib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikundannah tlettax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali s-somma ta' erbghat elef tmien mija disgha u sittin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€4,869.51).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[19] Fil-kaz ta'l-artikolu 310 il-Qorti rat dak li kien jipprovdi fis-snin 2011 u 2012 u ghalhekk qabel l-emenda promulgata b'l-Att XXIV tas-sena 2014.